MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## DOREEN CLARKE

Seduta tat-23 ta' Marzu, 2015

Numru. 18/2015

**Il-Pulizija**

**(Spettur Kylie Borg)**

**vs**

**Omissis**

**Kumpilazzjoni Nru: 18/2015**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Omissis.

Akkuzat talli matul is-snin 2013 u 2014, b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijet differenti, u li jkunu jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi, u ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda;

1. bħala ċittadin jew residenti permanenti ta' Malta, sew f'Malta sew barra minn Malta, għamel, jew ipproduċa, jew ippermetta li jiġi magħmul jew prodott xi materjal indeċenti, jew ipproduċa, qassam, xerred, importa, esporta, offra, biegħ, issupplixxa, ittrasmetta, għamel disponibbli, akkwista għalih innifisu jew għal ħaddieħor, jew wera dak il-materjal indeċenti;

2. u aktar talli r-reat imsemmi hawn fuq, sar minn axxendent minħabba fil-qrubija mid-demm jew bi żwieġ, jew mill-missier jew l-omm adottivi, jew mit-tutur, jew min xi persuna oħra li tkun fdata, ukoll jekk biss għal xi żmien, bil-kura, l-edukazzjoni, l-istruzzjoni, il-kontroll jew il-kustodja tal-persuna ta' taħt l-eta' murija, mogħtija stampa jew rappreżentati fil-materjal indiċenti, jew meta dik il-persuna ta' taħt l-eta' ma tkunx għalqet l-eta' ta' disa' snin;

3. u aktar talli bħala uffiċjal jew impjegat pubbliku, għamel reat li kellu jissorvelja biex ma jsirx jew li minħabba l-kariga tiegħu, kellu d-dmir li timpedixxi;

4. u aktar talli ġab ruħu b'mod li ta fastidju lil persuni oħra meta kien jaf jew messu kien jaf li dan qed ikun ta' fastidju għall-persuni oħra.

Rat l-artikoli 18, 141, 208A(1)(3) u 251A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma nhar is-6 ta' Jannar 2015 minn din il-Qorti bhala Qorti Struttorja l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunisdra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet il-provi ai fini ta'piena.

Rat il-*pre sentencing report* redatt mill-ufficjal tal-probation inkarigat ghal dan il-ghan.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti processwali.

Ikkunisdrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena li ghandha tigi erogata din il-Qorti ddibattiet fit-tul u hadet in konsiderazzjoni diversi fatturi.

Illi in linea generali jibda biex jinghad li *l-piena m'ghandhiex isservi bhala xi forma ta' vendikazzjoni tas-socjeta` fil-konfront tal-hati. Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun gie mcarrat bil-ghemil kriminali ta' dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu importanza, fost affarijiet ohra, kemm ir-rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif ukoll ir-riforma tal-istess hati. Skop iehor tal-piena huwa dak li tigi protetta s-socjeta`. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-kaz ta' persuni li b'ghemilhom juru li huma ta' minaccja ghas-socjeta` dawn jinzammu inkarcerati u ghalhekk barra mic-cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil-kaz ta' reati gravi, is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta' deterrent generali. Il-Qrati ta'*

*gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena.*[1]

Illi c-cirkostanzi ta' kull kaz huma partikolari ghal dak il-kaz u normalment ivarjaw radikalment mic-cirkostanzi ta' kull kaz iehor. Huwa impossibbli ghall-legislatur li jipprevedi dawn ic-cirkostanzi kollha u, a priori, jistabilixxi (ghal kull reat) piena specifika ghal kull sensiela ta' cirkostanzi differenti li fihom jista' jitwettaq dak l-istess reat.

Illi huwa propju ghalhekk illi ghal kull reat il-Ligi ma tistipulax piena fissa imma tistipula minimu u massimu; jispetta lill-Qorti biex fid-diskrezzjoni taghha, u entro dawk il-parametri, teroga dik il-piena permezz ta' liema, skond ic-cirkostanzi ta' kull kaz, tipprova ssib dak il-bilanc gust bejn d-diversi skopijiet li ghandhom jintlahqu.

Illi pero c-cirkostanzi ta' kull kaz tant jistghu ikunu partikolari li l-piena prospettata mill-legislatur, anke fil-minimu taghha, ma sserviex biex jintlahaq dak il-bilanc fuq imsemmi. Il-Qorti fil-fatt ghandha l-fakolta li fid-diskrezzjoni taghha, u fejn il-Ligi ma teskludiex l-ezercizzju ta' din il-fakolta, teroga piena li tkun taht il-minimu preskritt fil-ligi.

Illi aktar minn hekk il-Ligi tipprospetta li l-esekuzzjoni ta'sentenza (ta' prigunerija) tigi sospieza ghal perjodu ta' zmien u, jekk ikun opportun, din is-sospensjoni tista' ssir taht ceru kundizzjonijiet, inkluz ordni ta' supervizzjoni u ordni ta' trattament.

Illi dwar il-varji modi kif il-Qorti tista' titratta ma' persuna misjuba hatja ta' xi reat u x'evalwazzjoni ghandha ssir biex jigi stabbilit liema minn dawn il-modi jservi l-aktar lill-gustizzja, kellha l-opportunita tippronunzja ruhha l-Qorti ta' l-

[1] Ref Ir-Republika ta' Malta vs Rene sive Nazzareno Micallef: Appell Kriminali deciz 28.11.2006.

Appell Kriminali. Fis-sentenza mghotija fil-kawza Il-Pulizija vs Maurice Agius[2] dik il-Qorti (anke b'referenza ghas-sentenza taghha stess mghotija fil-kawza Il-Pulizija vs Anthony Wood[3]) qalet hekk:

*Huwa car...., li l-ewwel haga li qorti trid tiddecidi hi jekk il-kaz jimmeritax piena ta' prigunerija, b'mod li jigu eskluzi (jekk kienu talvolta applikabbli u mhux aprioristikament eskluzi mill-ligi stess) mizuri bhal ordinijiet maghmula taht l-Att dwar il-Probation jew multa. Jekk jigi stabbilit, tenut kont tac-cirkostanzi kollha, li l-kaz kien jimmerita prigunerija, il-gudikant irid jghaddi ghat-tieni stadju, u cioe` biex jiddetermina t-tul ta' tali prigunerija. Hawn ukoll il-gudikant ma jridx joqghod ihares lejn is-subartikolu (1) tal-Artikolu 28A u jipprova jara kif ibaxxi l-piena biex igibha ma teccedix is-sentejn. Il-piena ta' prigunerija trid tkun dik il-piena li oggettivament taghmel ghall-kaz, indipendentement minn jekk tkunx tista' tigi sospiza o meno. Huwa biss jekk il-piena hekk oggettivament stabbilita ma tkunx ta' aktar minn sentejn prigunerija li l-gudikant jghaddi ghat-tielet stadju, u cioe`biex jikkonsidra jekk ghandux jissospendi o meno tali piena (ghal periodu ta' mhux anqas minn sena u mhux izjed minn erba' snin). Huwa evidenti li l-ewwel haga li trid issir f'dana t-tielet istadju hi li wiehed jara jekk hemmx xi ostakolu statutorju ghal tali sospensjoni ....; jekk ma hemmx tali ostakoli, allura, u allura biss, tqum il-kwistjoni ta' jekk il-piena ta' prigunerija ghandhiex tigi sospiza u, jekk jkun jidhrilha li l-kaz ikun wiehed li fih sentenza ta' prigunerija ghandha tigi sospiza, x'ghandu jkun il-periodu operattiv taghha (cioe` ghal kemm zmien tibqa' hekk sospiza fuq ras il-hati). Huwa minnu li, kif jispjega l-Professur David Thomas fil-ktieb tieghu Principles of Sentencing "[the]difficulty that arises at this point is that if the first two stages have been followed correctly, all factors which are relevant to the sentence should have been taken into account already. The sentencer must either give double weight to some factors for which he has previously made allowance in calculating the length of the sentence, or search for some*

[2] Deciza fit-13 ta' Novembru 2009.
[3] Deciza fit-23 ta' Settembru 1994.

*new factors which will justify suspension although they are not relevant to the other issues which the sentencer has already considered." Din il-Qorti, fis-sentenza taghha aktar il-fuq imsemmija (ta' Anthony Wood) hadet linja aktar prammatika milli forsi teoretika jew akkademika u, fuq l-iskorta ta' sentenzi precedenti, stabbiliet li s-sentenza sospiza, oltre li ghandha tkun applikata bhala eccezzjoni u mhux bhala regola, ghandha tinghata f'kaz ta' xi cirkostanza partikolari li minhabba fiha l-qorti thoss li ma jkunx opportun li tapplika l-piena "normali" preskritta mill-ligi ta' prigunerija b'effett immedjat. Fi kliem iehor, hemm bzonn li jkun hemm cirkostanza (jew cirkostanzi) specjali (mhux neccessarjament, pero`, cirkostanzi specjali u straordinarji bhalma jissemmew fl-Artikolu 21 tal-Kap. 9) li jaghmlu l-eccezzjoni (is-sospensjoni tal-piena ta' prigunerija) aktar indikata ghar-retta amministrazzjoni tal-gustizzja mir-regola (il-piena karcerarja b'effett immedjat).*

*Naturalment huwa mpossibbli li wiehed jiddetermina apprioristikament x'inhi jew x'tista' tkun tali cirkostanza (jew cirkostanzi), jew li jipprova jiddefiniha. Il-buon sens, pero`, jissuggerixxi diversi cirkustanzi, u kriterji ohra, li ghandhom jitqieghdu fil-kfief tal-mizien: il-gravita` tar-reat, il-mod kif ikun twettaq, l-impatt fuq is-socjeta`, il-hsara rizultanti, jekk wiehed ghamilx tajjeb ghal dik il-hsara, il-koperazzjoni u l-ghajnuna li wiehed ikun ta lill-pulizija fil-kors tal-investigazzjoni, l-ammissjoni bikrija (b'mod li l-istat ma jinkorrix f'aktar spejjez), l-impatt tas-sospensjoni jew tan-nuqqas ta' sospensjoni kemm fuq il-persuna misjuba hatja kif ukoll fuq is-socjeta`, jekk il-persuna misjuba hatja hix perikoluza u/jew x'indikazzjonijiet hemm li hija tista' terga' tikkommetti reat iehor (simili jew ta' xorta ohra), u hafna u hafna cirkostanzi ohra. Jinghad ukoll li, filwaqt li gudikant, fil-ghoti tal-piena (u dan mhux biss fil-kaz ta' jekk sentenza ta' prigunerija ghandhiex tigi sospiza o meno) ghandu jiehu kont tal-impatt tar-reat fuq is-socjeta`u tar-reazzjoni tas-socjeta` ghal dak it-tip ta' reat (tali reazzjoni hija r-rifless ta' dak l-impatt), il-gudikant mhux qieghed hemm biex jissodisfa l-ghajta ta' dawk li, ma' kull sentenza, tarahom jiktbu fil-gazzetti jew*

*f'xi blog fuq l-internet biex jikkritikaw kollox u bl-addocc ghax minghalihom li saru issa esperti anke fil-ligi u fil-mod kif is-sentenzi ghandhom jigu decizi. Kif qal Lord Justice Lawton fil-kawza R v. Sargeant: "Society, through the courts, must show its abhorrence of particular types of crime, and the only way in which the courts can show this is by the sentences they pass. The courts do not have to reflect public opinion. On the other hand they must not disregard it.* ***Perhaps the main duty of the court is to lead public opinion***[4]*."*

Ikkunisdrat

Illi m'ghandu jkun hemm l-ebda dubbju li r-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat huma reati ta' certu gravita. Lanqas ghandu jkun hemm dubbju dwar l-effetti li l-agir ta'l-imputat kellu fuq il-persuni li setghu nqabdu fil-filmati minnu mehuda. Dawn iz-zewg fatturi wahedhom huma sufficjenti biex jikkonvincu lill-Qorti li l-piena li ghandha tigi erogata hija wahda ta' prigunerija.

Illi l-imputat ghandu fedina penali netta, ikkopera bi shih mal-pulizija, u ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri. Aktar minn hekk l-imputat, rinfaccjat b'dawn il-proceduri rrealizza li ghandu problema, accetta dan il-fatt, u immedjatament ifittex l-ghajnuna billi rrikorra ghand professjonisti. Fil-kors tat-terapija li huwa diga beda huwa gie rinfaccjat bil-gravita ta' dak li ghamel u anke b'l-impatt li ghemilu seta' kellu fuq il-vittmi u huwa wera s-soghba tieghu kemm fil-konfront ta' dawn il-persuni kif ukoll fil-konfront tal-familja tieghu stess li huma vittmi diretti u indiretti ta'l-agir tieghu.

Ili ai termini tal-artikolu 208A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-piena stabbilita ghall-ewwel imputazzjoni (bil-hames imputazzjoni assorbita) hija dik ta' mhux anqas minn tnax il-xahar u mhux aktar minn hames snin prigunerija.

[4] Is-sottolinear huwa ta' din il-Qorti.

Permezz tat-tieni imputazzjoni l-imputat gie addebietat b'l-aggravanti predispost fis-subartikolu 3 ta'l-istess artikolu 208A, ghalhekk il-perjodu ta' prigunerija jizdied ghal sentejn sa' disgha snin. Permezz tat-tielet imputazzjoni l-imputat, in kwantu ufficjal pubbliku, gie addebietat ukoll b'l-aggravju predispost f'l-artikolu 141 tal-Kapitolu 9; ai termini ta' din id-dispozizzjoni il-piena stabbilita ghar-reat kommess mill-imputat ghandha tizdied bi grad. Aktar minn hekk l-imputat qed jigi addebietat b'reat kontinwat ai termini ta'l-artikolu 18 tal-Kapitolu 9 skond liema l-piena stabbilita ghar-reat tista tghola bi grad jew tnejn[5].

Illi ezaminati dawn id-dispozizzjonijiet tal-Ligi, johrog car li l-akbar zieda fil-piena ghar-reat principali (li ghalih il-piena hija dik minn tnax il-xahar sa hames snin) huma c-cirkostanzi imsemmija f'l-artikolu 208A(3) u cioe l-fatt li l-filmati juri minorenni[6]. Mill-atti u l-provi prodotti jirrizulta[7] li ghalkemm kien hemm minorenni li nqabdu fil-filmati l-imputat ma kellux l-intenzjoni li jigbed filmati ta' minorenni; fil-fatt l-camera kienet qeghda f'toilets li suppost fihom kienu jidhlu adulti biss[8].

Illi tressaq bhala xhud quddiem din il-Qorti l-psikologu li l-imputat rrikkorra ghandu. Jidher li l-imputat qed jikkopera bis-shih u t-terapija qed ikollha ezitu pozittiv hafna tant li fil-ftit xhur hemm indikazzjonijiet cari ta' x'jista' jkunu li kkawza d-dizordni li qed ibaghtu minnu l-imputat u li qed iwasslu biex jagixxi fil-mod kif qed jagixxi[9]. Aktar minn hekk il-psikologu kkonferma li mis-sessjonijiet li kellu s'issa ma'l-imputat jista' jeskludi li l-imputat kellu minorenni fil-mira tieghu. Aktar minn hekk l-psikologu huwa tal-fehma li, minn dak li rrizultalu s'issa, l-imputat ghandu *obsessive compulsive personality disorder* li

[5] Minkejja z-zieda fil-piena minhabba dawn l-aggravanti din il-Qorti tibqa kompetenti biex taghti sentenza ai termini ta'l-artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta stante li l-piena ghar-reati originali minghajr aggravji hija dik ghal perjodu massimu ta' disgha' snin. [ref l-artikolu 370(2) tal-Kapitolu 9].
[6] Iben l-imputat u xi minorenni ohra.
[7] Dan il-fatt mhux kontestat mill-prosekuzzjoni.
[8] Il-Qorti mhiex qed tinsa li f'xi okkazzjonijet l-imputat kien ghamel camera fil-kamra tal-banju tad-dar tieghu stess, inizjalment bhala prova. L-imputat kien jaf li f'din il-kamra tal-banju jidhol ibnu (u anke martu) pero xorta ghamilha l-camera. Mart l-imputat xehdet fit-tul quddiem din il-Qorti u minn din id-depozizzjoni hareg car li hija qed tahfer lir-ragel taghha ghal eghmilu.
[9] Jidher li l-kundizzjoni ta'l-imputat qed twasslu biex jghamel diversi atti ohra li fuq livell psikologiku jistghu ikunu preokkupanti pero ma jinvolvux illegalita.

beda jimmanifesta ruhu *f'hoarding* inkontrollabbli ta' diversi affarijiet inkluz il-filmati li wasslu ghall-proceduri odjerni. Il-psikologu huwa ta' l-opinjoni li (minkejja l-kontenut tal-filmati) l-element sesswali kien "*missing hafna*" f'l-agir ta'l-imputat. B'referenza partikolari ghall-fatt li l-imputat zamm il-filmati li fihom dehru minorenni l-psikologu jispjega li bil-mod kif kienet timmanifesta ruhha l-OCD fih, ghall-imputat l-importanti kien li jakkumula filmati mehuda f'post projbit (u dan indipendentement mill-kontenut taghhom) aktar milli jara l-filmati.

Illi tenut kont ta' dan kollu suespost il-Qorti hija tal-fehma li ghandha tapplika l-artikolu 21 tal-Kapitolu 9 u timponi l-piena predisposta ghar-reat li l-imputat verament kellu l-intenzjoni li jikkommetti, cioe il-piena predisposta f'l-artikolu 208A(1) (tnax il-xahar sa hames snin) biz-zieda tassattiva ta' grad ai termini ta'l-artikolu 141 u b'zieda ta' grad iehor ai termini ta'l-artikolu 18. Konsegwentement fil-fehma tal-Qorti l-perjodu ta' prigunerija li ghandha timponi ghandu jkun ta' sentejn.

Illi mid-depozizzjoni tal-psikologu hareg car ukoll li t-terapija li qed jiehu l-imputat ghada fi stadji inizjali taghha u ghad hemm triq twila hafna li jrid isegwi l-imputat biex ir-riabilitazzjoni tieghu tkun wahda shiha. Jekk l-imputat jigi detenut fil-Facilita Korrettiva ta' Kordin huwa mhux ser ikun jista' jkompli bil-kura u t-terapija, haga li huwa tant ghandu bzonn. Fil-fatt l-ufficjal ta' probation fir-rapport taghha rrakkomandat li l-imputat jinghata sentenza sospiza kombinata ma' ordni ta' supervizzjoni u ordni ta' trattament.

Illi kif rilevat fil-parti inizjali tal-motivazzjoni taghha l-Qorti hija konsapevoli li permezz tal-piena li hija tinfliggi jridu jitlahqu diversi skopijiet; wiehed minn dawn huwa l-protezzjoni tas-socjeta. Mistoqsija li zgur li trid tigi interposta hija: x'inhu l-ahjar mod kif tista' tigi protetta s-socjeta mill-imputat? billi jiskonta piena karcerarja jew billi jinghata l-kura li jehtieg, fuq medda ta' snin, taht is-sorveljanza tal-Qorti? Fil-fehma tal-Qorti huwa f'l-interess tas-socjeta li l-imputat jikkura ruhu u jiehu t-terapija li ghandu bzonn ghaliex hekk biss jista'

jigi assigurat li r-riabiliatazzjoni tieghu tkun wahda effettiva u kompleta b'mod li ma jibqax ta' minaccja.

Illi konsegwentement il-Qorti ser tilqa r-rakkomandazzjoni ta'l-ufficjal tal-probation u ser tissospendi l-ezekuzzjoni tas-sentenza ghal perjodu massimu permess mill-Ligi cioe erbgha snin u sejra tpoggi lill-imputat taht ordni ta' supervizzjoni u ordni ta' trattament ghall-istess perjodu ta' erbgha snin. B'hekk jigi assigurat li l-imputat jiehu l-kura li ghandu bzonn taht serje ta' kundizzjoznijiet; jekk huwa ma joqghodx ghall-kura jew jikser xi kundizzjoni, jew jekk ma joqghodx ghad-direttivi li jistghu jinghatawlu minn zmien ghal zmien mill-professjonisti koncernati, huwa jkollu jiskonta l-piena stabbilita permezz ta' din is-sentenza.

Illi aktar minn hekk u peress li r-reat li tieghu qed jinstab hati l-imputat huwa reat skedat ai fini tal-Kapitolu 518 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti qed tordna li isem l-imputat jitnizzel fir-Registru imsemmi f'dan l-Att.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 18, 141, 208A(1)(3) u 251A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 21 ta'l-istess Kapitolu 9 qed tikkundannah **sentejn (2) prigunerija li b'applikazzjoni ta'l-artkolu 28A tal-Kapitolu 9 qed jigu sopsiezi ghal perjodu ta' erbgha (4) snin**.

B'applikazzjoni ta' l-artikolu 28G tal-Kapitolu 9 il-Qorti qed tpoggi lill-imputat taht **Ordni ta' Supervizzjoni ghal perjodu ta' erbgha (4)** snin bil-kundizzjonijiet elenkati f'l-ordni mghoti kontestwalment; u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 412D tal-Kapitolu 9 qed tpoggi lill-imputat taht **Ordni ta' Trattament ghal perjodu ta' erbgha (4) snin** bil-kundizzjonijiet elenkati f'l-Ordni mghoti kontestwalment inkluz dik li joqghod taht il-kura tal-Psikologu Dr John Alexander Agius.

In oltre, u wara li rat l-artikolu 6(2) tal-Kapitolu 518 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Qorti qed tordna li, meta ssir definittiva, kopja ta’ din is-sentenza tigi notifikata lir-Registratur tal-Qrati Civili u Tribunali sabiex **isem l-imputat jitnizzel fuq ir-Registru ndikat f’l-imsemmi Kapitolu 518**.

Il-Qorti qeghda tordna ukoll **il-konfiska u d-distruzzjoni (a karigu tar-Registratur ta’ din il-Qorti pero a spejjez ta’l-imputat) tal-hard drives, cameras, u memory cards esebieti** formalment mill-prosekuzzjoni u elenkati bhala items 1 sa 13 fir-rapport ta’l-Ispettur Timothy Zammit.

In konkluzzjoni u biex tigi protetta l-identita ta’ ibnu l-Qorti qed tordna **d-divjet mill-publikazzjoni ta’ isem l-imputat** f’kwalunkwe mezz ta’ kommunikazzjoni, xandir u/jew stampa; in oltre qed tordna li kopja ta’ din is-sentenza tigi **notifikata lid-Direttur ta’l-Ufficju tal-Probation**.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta’ din is-sentenza u x’jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien erbgha snin, jekk ma joqghodx ghall-ordnijiet lilu mghotija mill-uffijcal sorveljant, u jekk ma joqghodx ghall-htigijiet ta’l-Ordni ta’ Supervizjoni u ta’ l-Ordni ta’ Trattament.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM---------------------------------